MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 349/2009

**Emanuel Beck**

***kontra***

1. **Avukat Dottor Etienne A. Calleja**
2. **Registratur tal-Qrati**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-7 ta` April 2009 li jaqra hekk –

*Illi l-esponent gie nnotifikat b`ittra ufficjali numru 258/09 taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 ipprezentata mill-Avukat Dottor Etienne A. Calleja fil-Qorti tal-Magistrati li biha ppremetta li "l-ammont dovut skond it-taxxa premessa hija ta` sitt elef tmienja u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€6,058.20) li minnhom diga` thallsu tlett mija u sebghin Ewro (€370)" u ttenta jikseb titolu ezekuttiv kontra l-esponent (DOK. A) ;*

*Illi l-esponent diga` pprezenta nota fl-atti ta` l-imsemmija ittra ufficjali 258/09 li biha kkontesta l-ammont pretiz ;*

*Illi fl-ewwel lok, it-taxxa giet ikkalkulata hazin meta l-Avukat Dottor Etienne A. Calleja u l-avukat tal-kontroparti, l-Avukat Dottor Ludwig Caruana, ipprezentaw nota kongjuta dwar l-allegat valur tal-kawza rapprezentanti l-assi li allegatament tinvolvi l-vertenza fil-kawza ta` separazzjoni, liema ammont huwa ferm ezagerat u ma jirrispekkjax il-verita`. Bizzejjed jinghad illi filwaqt li l-ebda domanda kontenuta fid-domandi attrici jew fid-domandi tal-kontrotalba ma tikkoncernax il-proprjeta` parafernali tar-ragel jew tal-mara, il-valur li gie ndikat minnhom jinkludi din il-proprjeta` parafernali tar-ragel ;*

*Illi fit-tieni lok, mhux minnu li l-esponent hallas biss €370, anzi, huwa hallas ferm aktar, izda tali ghal tali hlasijiet l-Avukat Calleja ma harigx ricevuti fiskali.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna ritassa fir-rigward tat-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji mahruga fl-24 ta` Ottubru 2008 fuq talba ta` Dr. Etienne Calleja fil-kawza numru 277/07JA fl-ismijiet "Marita Beck pro et noe vs. Emanuel Beck" u dan specifikatament ghall-kaz ta` rinunzja tal-patrocinju mill-istess Avukat, u b`hekk jigu rispettati l-provvedimenti tal-ligi fir-rigward tat-tassazzjoni tal-kawzi fil-Qorti tal-Familja.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li ghalkemm il-konvenut Registratur tal-Qrati kien debitament notifikat bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza skond il-ligi (ara tergo ta` fol 6) huwa ghazel li ma jipprezentax risposta mahlufa u ghalhekk ghandu jitqies kontumaci.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-attur (fol 10 sa 12) u d-dokumenti li kienu annessi (fol 13 sa 45).

Semghet id-deposizzjoni ta` Marisa Bugeja (fol 51 et seq) fl-udjenza tal-1 ta` Lulju 2009.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Lulju 2009 (fol 62) fejn akkordat lill-konvenut Avukat Dottor Etienne A. Calleja zmien ghoxrin (20) jum mid-data tad-digriet sabiex jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut Avukat Dottor Etienne A. Calleja prezentata fil-11 ta` Awissu 2009 li taqra hekk –

*Illi in linea preliminari l-esponent jirrileva li gjaladarba r-rikorrent ma talabx ir-ritassa tad-drittijiet pretizi mill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil huma rrikonoxxew li d-drittijiet dovuti lill-istess Prokuratur Legali huma effettivament dovuti u gew intaxxati korrettement u kwindi ma jistghux jitolbu ritassa tad-drittijiet dovuti lill-esponent ;*

*Illi, in linea preliminari wkoll, ma huwiex minnu li permezz tal-ittra ufficjali numru 258/09 taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 l-esponent ittenta jikseb titolu ezekuttiv ghat-taxxa ivi annessa flimkien ma` dik l-ittra, u dan stante li t-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qrati tikkostitwixxi titolu ezekuttiv minnu nnifsu ;*

*Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent jissottometti :*

*a) Illi, apparti l-fatt li m`huwiex minnu li l-esponent diga` thallas tas-servizzi kollha minnu rezi, ir-rikorrent m`ghandux dritt jitlob ir-ritassa minhabba l-allegazzjoni li l-esponent thallas o meno ;*

*b) Illi, l-fatt li ma nhargitx ircevuta fiskali mill-esponent ghal hlasijiet li saru mill-attur, haga din li ssir kazo mai meta jsir il-hlas kollu, xort`ohra ma jaghtix lok ghal dritt ghat-talba ta` ritassa ;*

*c) Illi, kemm-il darba huwa minnu li r-rikorrent hallas is-somma ta` seba` mija u tnejn u erbghin liri maltin (Lm742) ekwivalenti ghal elf seba` mija tmienja u ghoxrin Ewro (€1,728) lill-esponent, ir-rikorrent xorta m`ghandux dritt jitlob ir-ritassa minhabba l-allegazzjoni li l-esponent thallas din is-somma o meno ;*

*d) Illi, apparti l-fatt li l-esponent qatt ma naqas milli jiehu passi sabiex jippreserva d-drittijiet ta` l-attur, kif ser jigi muri waqt l-andament tal-kawza, ir-rikorrent m`ghandux dritt li jitlob ritassa fuq tali allegazzjoni, fi kwalunkwe kaz infondata ;*

*e) Illi, apparti l-fatt li ma kienx ir-rikorrent li telaq lill-konvenut esponent bhala l-Avukat patrocinanti tieghu, izda kien proprju l-esponent li kecca lir-rikorrent meta dan*

*qabbad lill-Avukat Tonio Azzopardi jiftah kawza fuq parti mill-mertu ta` separazzjoni, dan xort`ohra ma jaghtihx id-dritt li jitlob ritassa ;*

*f) Illi l-Onorabbli Qorti, prevja li ma gietx mitluba mill-attur sabiex issir l-allegazzjoni tal-process verbal li jgib in-numru 227/2007 fl-ismijiet Maria Rita Beck vs. Emanuel Beck, ma tistax tikkonferma l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur tal-attur li fuqhom hija msejsa din il-vertenza ;*

*g) Illi, m`huwiex minnu li t-taxxa giet ikkalkulata hazin u li ma tirrispekkjax il-verita` u dan stante li t-taxxa giet ikkalkolata fuq l-assi mobiljari u mmobiljari formanti parti integrali mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll id-drittijiet naxxenti miz-zwieg tal-partijiet fuq il-proprjeta` parafernali tal-partijiet, senjatament izda mhux esklussivament id-dritt esklussiv ta` abitazzjoni fid-dar matrimonjali.*

Semghet id-deposizzjoni ta` Marisa Bugeja fl-udjenza tal-24 ta` Settembru 2009 (fol 321 u 322).

Rat id-dokument li esebiet ix-xhud fl-istess udjenza (fol 69).

Rat l-inkartament tal-kawza fl-ismijiet *Marita Beck I.D. 259172M f`isimha proprio, u b`digriet tal-25 ta` Mejju 2007 giet nominata bhala kuratrici ad litem f`isem uliedha l-minuri Claudia u Kenneth vs Emanuel Beck I.D. 202272M (Rik. Gur. 227/07 JA)* mill-bidu taghha saz-zmien meta l-Av. Dr. Etienne Calleja baqa` jappatrocina lill-attur fil-kawza tal-lum (fol 71 sa fol 319).

Semghet id-deposizzjoni tal-konvenut Av. Dr. Etienne Calleja fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2009 (fol 331 sa 338).

Rat in-nota tal-konvenut Av. Dr. Etienne Calleja prezentata fil-21 ta` Dicembru 2009 (fol 327 u 328).

Semghet id-deposizzjoni ta` Marita Beck fl-udjenzi tas-26 ta` Jannar 2010 (fol 340 sa 350) u tad-19 ta` April 2010 (fol 358 sa 363).

Rat iz-zewg dokumenti li kienu esebiti mix-xhud fl-udjenza tal-ahhar (fol 351 sa 356).

Rat in-nota guramentata ta` l-attur prezentata fit-2 ta` Lulju 2010 (fol 365 sa 376).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta` Lulju 2010 (fol 378) fejn kien dikjarat l-gheluq tal-provi tal-partijiet.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur li kienet prezentata fid-29 ta` Lulju 2010 (fol 381 sa 385).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenut Av. Dr. Etienne Calleja prezentata fil-31 ta` Awissu 2010 (fol 387 sa 392).

Rat li l-konvenut Registratur tal-Qrati baqa` ma pprezentax nota ta` sottomissjonijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2010 (fol 397) fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Marzu 2011 (fol 399) fejn, wara rikors tal-konvenut Av. Dr. Etienne Calleja, ordnat li fl-udjenza tal-kawza tat-18 ta` April 2011 isiru sottomissjonijiet finali mill-partijiet bl-intiza li wara dik l-udjenza l-kawza tibqa` ghas-sentenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar fl-udjenza tat-18 ta` April 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-14 ta` Lulju 2011 bil-fakolta` li r-Registratur tal-Qrati, fi zmien xahar, jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat illi s-sentenza ma setghetx tinghata fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2011 u minflok qeghda tinghata llum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Fil-kawza tal-lum, il-kwistjoni hija jekk kenitx korretta t-taxxa li hareg il-konvenut Registratur tal-Qrati fl-24 ta` Ottubru 2008 meta hadem id-drittijiet tal-konvenut Av. Dr. Etienne Calleja bhala difensur tal-konvenut (l-attur tal-lum) fil-kawza fl-ismijiet *Marita Beck I.D. 259172M f`isimha proprio, u b`digriet tal-25 ta` Mejju 2007 giet nominata bhala kuratrici ad litem f`isem uliedha l-minuri Claudia u Kenneth vs Emanuel Beck I.D. 202272M* (Rik. Gur. Nru. 227/2007) li ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja. F`dik il-kawza, irrizulta li l-konvenut Av. Dr. Calleja kien iddecieda li ma jibqax jippatrocina lill-attur odjern, ghal ragunijiet li mhumiex rilevanti ghall-fini tal-kawza tal-lum, u

talab lir-Registratur tal-Qrati sabiex jintaxxa d-drittijiet tieghu sal-istadju li fih kienet waslet dik il-kawza.

Jirrizulta ppruvat bhala fatt li l-konvenut Registratur tal-Qrati hareg it-taxxa li taghha l-attur qieghed jitlob ritassa <u>unikament</u> abbazi tan-nota konguntiva Dok MB1 a fol 69.

**In-nota konguntiva kienet iffirmata mill-konvenut Av. Dr. Calleja li ddikjara li kien qieghed jagixxi ghall-konvenut (l-attur odjern) u mill-Av. Dr. Ludwig Caruana li ddikjara li kien qieghed jidher ghall-Marita Beck. *Ictu oculi* ma jirrizultax li l-konjugi Beck iffirmaw in-nota konguntiva (ara wkoll in konferma d-deposizzjoni ta` Marisa Bugeja). U fix-xiehda tieghu, il-konvenut Av. Dr. Calleja jaccetta bhala fatt illi huwa ma kienx ikkonsulta ruhu mal-attur odjern qabel iffirma n-nota konguntiva.**

Fin-nota, kien dikjarat li l-valur tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Beck kien jammonta ghal €186,349 ekwivalenti ghal Lm80,000 u r-Registratur tal-Qrati ntalab johrog it-taxxa abbazi ta` dak il-valur.

Fl-affidavit tieghu, Emanuel Beck ikkontesta li l-valur ta` l-assi tal-komunjoni ta` l-akkwisti ezistenti bejnu u martu kien jammonta ghal Lm80,000.

Dwar il-hlas illi kien ghamel lill-Av. Dr. Calleja ghas-servizzi legali tieghu, Emanuel Beck xehed hekk (ara fol. 11) –

*Jiena bdejt ma` Dr Etienne Calleja minn Mejju 2007 meta ircevejt ic-citazzjoni minghand il-mara sa` Settembru 2008 u f`dan il-perjodu hallastu Lm742 kif jidher mill-annessi ricevuti.*

*Nghid li quddiem l-Imhallef Azzopardi fil-kawza ta` separazzjoni deherli sitt darbiet u dejjem hallastu €25 kull darba u quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Elena Depasquale deher darba biss u hallastu €25.*

*Barra minn hekk, ghal kull rikors hallast €70 u Lm75 sabiex l-marixxall esegwixxa l-mandat ta` deskrizzjoni.*

**L-attur jikkonferma dak li xehed l-Av. Dr. Calleja illi meta dan tal-ahhar ipprezenta n-nota konguntiva fuq riferita, huwa ma kienx awtorizzah li jaghmel hekk (ara fol. 11).**

Marisa Bugeja xehdet illi hija kienet ghamlet nota ghar-registratur sabiex dan ta` l-ahhar ikun jaf fuq kemm kellha tinhadem it-taxxa ghar-rinunzja tal-patrocinju tal-kawza  (ara fol. 52 tal-process).  U kompliet hekk –

*Jien niftakar kien gie Dr Etienne Calleja fl-ufficcju, qalli ghandi bzonn taxxa rinunzja patrocinju ghax il-kljient tieghi sejjer ghand Avukat iehor.  Rajt il-process u sibt li bhala komunjoni ta` l-akkwisti, din kawza ta` separazzjoni, komunjoni ta` l-akkwisti ma kienx hemm ammont valur. Kont ikkuntattjajtu ghidtlu Dott ma nistax nahdimhielek dment li ma jkun hemmx qbil bejn iz-zewg partijjiet fuq l-ammont ta` kemm hu l-komunjoni ta` l-akkwisti.  Qalli orrajt kollox sew, gie xi jumejn, gimgha wara u pprezenta nota konguntiva flimkien ma Dr Ludvic Caruana li hija din in-nota`.*

Mistoqsija dwar jekk kenitx il-prassi illi d-Deputat Registratur tindagax inkella le jekk l-avukat li qed jipprezenta n-nota konguntiva kellux effettivament jew le l-patrocinju tal-kawza, Marisa Bugeja xehdet hekk (ara fol. 52) –

*Xhud -*
*Le ma niccekkjawx, dment li tkun nota konguntiva bejn iz-zewg avukati jiena mhux.*

*Avukat A Mallia –*

*Jigiefieri imbaghad int rajt in-nota u qghadt fuq it-tmenin elf hux vera ?*

*Xhud -*

*Iva*

Aktar tard (ara fol 54) l-istess Marisa Bugeja tkompli hekk –

*Dr A Mallia –*

*Biss bhala procedura inti timxi just fuq il-valur jew x`gie ppruvat fil-kawza fuq il-valur biss, jew tara fil-process giex ippruvat fil-kawza ?*

*Xhud -*

*Dottoressa l-ewwel ma naghmlu nqalbu l-process, pero` mkien ma kien jidher ammont ta` komunjoni ta` l-akkwisti.*

*Dr A Mallia -*

*Ghax kien ghadu fil-bidu ?*

*Xhud -*

*Ghax kienet ghadha, nahseb mhux zgur kienu ghamlu giex seduti.*

*Dr A Mallia -*

*Seduta wahda kien hemm ezatt.*

*Qorti –*

*Jigifieri jien nista` mmur, fehemni din, ma` l-avukat ta` l-avversarju u niffissaw ammont u int ma tikkontrollax dak l-ammont ? Hu dal-kaz partikolari, m`ghandux ir-Registratur jikkontrolla dak li jigi ndikat fin-nota konguntiva ?*

*Xhud –*

*Sur Imhallef jiena ma nafx x`ikollhom il-partijiet pero` jiena li nista` nghidlek jiena l-avukati nafdahom,*

*nimmagina li qed jghidli s-sewwa l-avukat mhux ha noqghod niccekkja.*

*Qorti –*
*Imma intom x`directions ghandkom ?*

*Xhud –*
*M`ghandniex directions Sur Imhallef.*

Fid-deposizzjoni tieghu, l-Av. Dr. Calleja ighid (ara fol. 331 et seq) illi ghalkemm ma kienx ikkonsulta ruhu mal-attur qabel ressaq in-nota konguntiva, *rigward il-valur kont wasal ghall-konkluzjoni konservattiva hafna dwar l-assi li l-koppja Beck kellhom bejniethom u dwar id-drittijiet relattivi fuq dawn l-assi.*

Dwar hlas li kien diga` rcieva minghand Emanuel Beck, ix-xhud ighid (ara fol 337) illi huwa ma kienx qed jikkontesta l-fatt li kien diga` thallas xi flus minghand l-attur skond ricevuti minnu rilaxxjati. Ghalhekk l-ammonti li kien diga` thallas kellhom jonqsu mill-ammont tat-taxxa.

Marita Beck, mart l-attur li minnu kienet qeghda tissepara (fol 351) ipprezentat lista ta` valuri u xogholijiet li saru wara z-zwieg fid-dar taz-zwieg u li kienet propjeta` parafernali ta` l-attur.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-eccezzjoni preliminari</u>**

Il-konvenut Av. Dr. Calleja ressaq eccezzjoni preliminari fis-sens illi ladarba l-attur ma kienx talab ritassa tad-drittijiet tal-P.L. Jean Pierre Busuttil dak kellu jfisser li d-drittijiet tal-prokuratur legali kienu gew intaxxati tajjeb, kienu ghalhekk effettivament dovuti lill-istess

Prokuratur Legali u kwindi t-taxxa tad-drittijiet tieghu kienet ukoll korretta.

Ghal din il-Qorti din l-eccezzjoni hija nsostenibbli : fl-ewwel lok ghaliex il-prokuratur legali koncernat ma kienx firmatarju tan-nota konguntiva de qua izda pprezentaha biss fir-registru tal-qorti ; fit-tieni lok ghaliex ma rrizultax li dak il-prokuratur legali kien irrinunzja ghall-patrocinju tal-attur ; fit-tielet lok lanqas ma rrizulta li talab hlas ta` drittijiet lill-attur abbazi tat-taxxa in kwistjoni u fir-raba` lok ghaliex ma jirrizultax lanqas li l-attur hallas drittijiet lil dak il-prokuratur legali.

**L-eccezzjoni preliminari qeghda ghalhekk tkun michuda**.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

Taxxa hija att tar-Registratur tal-Qrati. Il-ligi stess tipprovdi li *"l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti......"* (Art. 64 tal-Kap.12). Anke ghaliex taxxa tikkostitwixxi titolu ezekuttiv, il-hrug ta` dak l-att ghandu jsir bl-akbar kawtela u wara d-debiti u vertifiki li l-kaz jirrikjedi. U r-rwol tal-Qorti, kif tajjeb kien osservat fil-kawza "**Borg vs Salamone"** (Prim`Awla tal-Qorti Civili - 23 ta` Frar 1960) huwa li *l-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi ghat-taxxi maghmula mir-Registratur, meta tigi mpunjata l-attendibilita` jew il-korrettezza taghhom minn min ikollu nteress.*

Il-kwistjoni fil-kaz tal-lum qamet ghaliex il-valur kien indeterminat. Fejn il-valur tal-kawza huwa indeterminat, il-valur li jinghata lill-kawza ghandu jkun wiehed ragonevoli li jigi determinat fid-dawl tac-cirkustanzi kollha tal-kawza.

Bhala regola meta l-valur ma jirrizultax determinat mill-premessi jew mit-talbiet, wiehed ikollu jirrikorri ghall-atti : *“....meta mill-massa litigjuza jkun jidher x`kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cjoe` ghandu jigi studjat u ezaminat x`ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta` dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista` jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process.”* (“**Axiak vs Vella et” -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 9 ta` Frar 1951 - Vol. XXXV.ii.361)

Huwa accettat li d-dritt ta` avukat li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub imma qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza ghandu jkun zewg-terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita kif inhu l-kaz. Para. 33 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta jitkellem car meta jghid li “*Jekk Avukat jitlaq il-klient jew jigi abbandunat mill-klient wara li r-rikors, ic-citazzjoni, in-nota tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta tkun giet prezentata ……. Izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, jkun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali.*” Avukat li ma jibqax jippatrocinja klijent f`kawza ghandu dritt ghall-hlas tieghu immedjatament, u mhux obbligat joqghod jistenna li l-kawza tigi determinata, specjalment meta tqis li darba li avukat johrog minn kawza ma jkollux aktar kontroll fuq l-andament taghha. Kif qalet ukoll il-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “**Manche` vs Gauci Maistre**”, deciza fl-20 ta` Marzu, 1989, il-valur in kontestazzjoni ghandu johrog mill-massa litugjuza. B`hekk ghandu jigi studjat u ezaminat x`inhu l-oggett tat-talba u t-tassazzjoni issir “ad valorem” u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni. Purche` bl-akbar reqqa, ir-Registratur tal-Qrati ghandu johrog taxxa meta jigi mitlub li jaghmel dan fil-kaz ta` avukat li jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat minnu.

Dan premess il-pern tal-kwistjoni fil-mertu tal-kaz tal-lum huwa fl-ewwel lok jekk ir-Registratur tal-Qrati kellux joqghod fuq il-valur indikat fin-nota konguntiva esebita bhala DOK MB1 a fol 69 iffirmata mid-difensuri tal-partijiet (mhux mill-partijiet) sabiex jistabilixxi d-dritt tal-konvenut Av. Dr. Calleja fil-kawza *Beck vs Beck (Rikors Nru. 227/07 JA)* liema avukat kien sejjer jirrinunzja ghall-patrocinju tal-attur f`dik il-kawza, u fit-tieni lok jekk il-valur indikat fl-istess nota ghall-fini ta` tassazzjoni kienx jirrifletti il-valur tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Din il-Qorti tghid li hemm sitwazzjonijiet, bhal dik tal-kaz tal-lum, fejn massimu ghandu jkun l-ezercizzju tal-kawtela u tal-prudenza min-naha tar-Registratur tal-Qrati jew tar-rapprezentanti tieghu. Fil-kaz tal-lum irrizulta li meta kienet rikjesta t-taxxa ghaliex il-konvenut Av. Dr. Calleja ried jirrinunzja ghall-patrocinju tal-attur odjern, l-iter tal-kawza ma kienx ghadu wasal fi stadju fejn bdew isiru provi dwar il-konsistenza tal-patrimonju tal-konjugi Beck. Ghalhekk abbazi biss tal-atti tal-kawza sa dak l-istadju, id-Deputat Registratur koncernat ma setax jasal sabiex jikkwantifika l-valur tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti sabiex minn hemm jaghmel valutazzjoni *ad valorem* u jahdem id-drittijiet. Hekk accertat wkoll din il-Qorti meta qieset l-inkartament tal-kawza l-ohra li kien esebit mill-attur. Infatti sa dak l-istadju kienu esebiti lista ta` oggetti mobbli bla indikazzjoni ta` valuri mhux daqstant ghall-fini ta` l-valutazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti izda pjuttost bhala prova tal-fatti u cirkostanzi li wasslu ghall-inkwiet bejn il-konjugi Beck u allura ghat-talba tas-separazzjoni.

Mela sabiex tinhareg it-taxxa, id-Deputat Registratur koncernata kellha necessarjament toqghod fuq valur stabbilit bi ftehim bejn il-partijiet. Fil-kaz tal-lum, irrizulta li kien il-konvenut Av. Dr. Calleja li stabilixxa l-valur ghall-fini tat-tassazzjoni tad-drittijiet tieghu minghajr ma kkonsulta lill-attur. U pprezenta n-nota konguntiva ad insaputa tal-attur. F`dan il-kuntest, din il-Qorti tghid li l-konvenut Av. Dr. Calleja naqas li jikkonsulta ruhu mal-klijent tieghu

meta kien se jkun il-klijent tieghu li kellu jhallsu. Naqas ukoll meta svija lid-Deputat Registratur koncernata. Ghaliex kif qalet Marisa Bugeja, hi fdat lill-avukat fis-sens li ma kellhiex tobsor li l-konvenut Calleja kien se jipprezenta n-nota bla ma kiseb il-kunsens tal-klijent tieghu.

F`dan il-kuntest, din il-Qorti tghid li r-Registratur tal-Qrati ghandu d-dmir li specjalment f`kazi bhal dak tal-lum fejn kien evidenti li avukat kien sejjer jirrinunzja ghall-patrocinju tal-klijent tieghu, jinsisti li n-nota konguntiva ma tkunx iffirmata biss mill-avukat izda anke mill-parti sabiex b`hekk ikun skansat kull disgwid jew addirittura abbuz.

Ghalkemm id-Deputat Registratur koncernata kien messha kienet previdenti u ma halliet lil ebda avukat ighaggilha fil-qadi tad-dmirijiet taghha, fl-istess waqt gara dak li gara fil-kaz tal-lum anke ghaliex id-Deputat Registratur koncernata thalliet minghajr direzzjoni cara dwar kif ghandha ggib ruhha x`sitwazzjonijiet bhal dawk. Hafna drabi l-ghaqal huwa c-cavetta ghas-soluzzjoni ta` sitwazzjonijiet ta` din ix-xorta pero` *non nuoce per niente* jekk id-Deputati Registraturi jkollhom anke struzzjonijiet bil-miktub ta` kif ghandhom igibu ruhhom f`sitwazzjonijiet fejn il-massima *bona fides* mhux dejjem tkun trasparenti.

Dan li rrizulta li sehh abbazi tal-fatti accertati fil-kaz tal-lum jiftah berah it-tieqa fuq ir-relazzjoni li ghandha tghaddi bejn l-avukat u l-klijent. Fil-mument li l-konvenut Calleja ffirma u pprezenta n-nota konguntiva r-rapport fiducjarju tieghu mal-attur kien diga` ntemm. Ghalhekk l-Av. Calleja ma kellu l-ebda jedd jiffirma u jipprezenta dik in-nota konguntiva minghajr il-kunsens tal-attur u ad insaputa tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk tghid li ladarba r-rapport fiducjarju bejn il-konvenut Calleja u l-attur kien intemm, u ladarba l-konvenut Calleja ma kellu l-ebda mandat

minghand l-attur sabiex jiffirma u jipprezenta n-nota konguntiva, dik l-istess nota li abbazi taghha harget it-taxxa, li qeghda tigi impunjata, ghandha titqies bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Konsegwentement hemm lok ghall-impunjazzjoni ta` dik it-taxxa.

Dan accertat ma hemmx lok ghal din il-Qorti li toqghod taghmel analizi tal-valuri tal-assi indikati mill-partijiet. Dak huwa ezercizzju fil-kompetenza tar-Registratur tal-Qrati meta jigi biex jintaxxa mill-gdid l-eventwali drittijiet tal-konvenut Calleja bhala effett tal-provvediment taghha tal-lum.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, waqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Etienne A. Calleja, u fil-kontumacja tal-konvenut Registratur tal-Qrati, tilqa` t-talba tal-attur kif dedotta.**

**Tikkundanna lill-konvenut Avukat Dottor Etienne A. Calleja sabiex ihallas l-ispejjez ta` l-attur.**

**Tordna lill-istess konvenut Avukat Dottor Etienne A. Calleja u lill-konvenut Registratur tal-Qrati sabiex ibatu l-ispejjez rispettivi taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------